**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 152/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 17 ta' Jannar 2023**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fid-19 ta' Mejju 2009 quddiem il-Bord ta' Kummissarju Speċjali, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiġu revokati u minflok tiġi ikkonfermata l-komputazzjoni skond dak minnu dikjarat fil-prospetti tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 5 sa' 7 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 maħruġa fil-konfront tiegħu u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, u minflok l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa u l-Avviż ta' Rifjut datat 20 ta' Marzu 2009 relattiv għall-istess snin ta' stima, jiġu kkonfermati;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "KTI1" sa' Dok. "KTI15" a fol. 33 sa' 59 tal-proċess;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2012[1], tal-25 ta' Jannar 2018[2] u tal-15 ta' Marzu 2018[3] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "DCA" a fol. 276 sa' 281 tal-proċess u d-dokumenti esebiti mid-difensur tal-Kummissarju tat-Taxxi waqt il-kontro-eżami tar-Rikorrent markati Dok. "SA" sa' Dok. "SC" a fol. 285 sa' 305 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Henry Micallef mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta'

[1] Fol. 82 sa' 84 tal-proċess
[2] Fol. 282 u 283 tal-proċess.
[3] Fol. 306 sa' 312 tal-proċess.

Jannar 2012[4] u x-xhieda ta' Neil Piccinino, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2012[5], ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ppreżentata fit-3 ta' April 2012 a fol. 96 sa' 98 tal-proċess u ra d-dokumenti wkoll esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ppreżentata fis-17 ta' Mejju 2012 a fol. 102 sa' 157 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Victor Bezzina mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015[6] u ra d-dokument esebit fil-kors tax-xhieda ta' Victor Bezzina markat Dok. "GV1" a fol. 229 sa' 237 tal-proċess, ra l-affidavit ta' Carmel Gatt, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, u d-dokumenti annessi miegħu esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 177 sa' 228 tal-proċess, sema' ix-xhieda ta' Marco Borg, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017[7] u ra d-dokument markat Dok. "MB1" a fol. 52 sa' 66 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 223/11, ra l-affidavit ta' Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, u d-dokumenti annessi miegħu esebiti mill-istess Marco Borg waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 2018 a fol. 314 sa' 440 tal-proċess u sema' x-xhieda ta' l-imsemmi Marco Borg mogħtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Ġunju 2018[8], tal-15 ta' Novembru 2018[9] u tat-3 ta' Diċembru 2018[10];

Ra l-files tad-Dipartiment tat-Taxxi relattivi għar-Rikorrent[11];

Ra s-sentenza preliminari pronunċjata fis-6 ta' April 2017[12] permezz ta' liema ġie miċħud l-aggravju tal-preskrizzjoni tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 sollevat mir-Rikorrent;

Ra li waqt is-seduta tas-19 ta' Ottubru 2017[13] il-partijiet kontendenti qablu li għalkemm dawn il-proċeduri u l-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 223/11 jittrattaw snin ta' stima differenti, il-fatti huma essenzjalment l-istess u għaldaqstant il-provi miġbura f'dawn il-proċeduri jgħoddu għall-proċeduri bir-Rikors Nru. 223/11 ukoll;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent dwar il-mertu ta' l-appell a fol. 454 sa' 457 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva relattiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 467 sa' 473 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-15 ta' April 2009, għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998, liema likwidazzjonijiet inħarġu in segwitu għal Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009 fejn huwa ġie nfurmat illi *please refer to your letters of objection sent by you dated 18/09/2008 where objections were raised against the*

[4] Fol. 85 sa' 87 tal-proċess.
[5] Fol. 92 sa' 95 tal-proċess.
[6] Fol. 238 sa' 240 tal-proċess.
[7] Fol. 271 sa' 273 tal-proċess.
[8] Fol. 441 tal-proċess.
[9] Fol. 444 u 445 tal-proċess.
[10] Fol. 447 u 448 tal-proċess.
[11] Dawn il-files qed jinżammu fis-sigrieta tal-Maġistrat u mhux fir-Reġistru.
[12] Fol. 261 sa' 268 tal-proċess.
[13] Fol. 270 tal-proċess.

*assessments for the years of assessment mentioned above, on the following grounds: Your letters have been examined at Objection stage, but the Commissioner considers that the grounds submitted cannot be upheld for the following reasons: You failed to declare all income received as Director's Fees from Macaw Ltd. according to the amounts declared by the same company. This letter is therefore to be considered as a notice of refusal in writing by the Commissioner for the purposes of sub-article 33(5) of the Income Tax Management Act, 1994 … Without prejudice to any other action which the Commissioner may deem necessary, the assessments in question are being determined according to sub-article 33(5), Cap. 372:*

| *YEAR OF ASSESSMENT* | *CLAIM NUMBER* | *TAX* |
|---|---|---|
| | | |
| *1995 Additional* | *2711038* | ***1178*** |
| *1996 Additional* | *2711039* | ***2657*** |
| *1997* [Recte: 1998] *Additional* | *2711040* | ***1844*** |

Ir-Rikorrent ħassu aggravat bl-imsemmi Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni u konsegwenti LIkwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 u interpona dan l-appell minnhom. Huwa jitlob li l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa jiġu revokati u minflok tiġi kkonfermata l-komputazzjoni skond dak minnu dikjarat fil-prospetti tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni.

Ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu fuq is-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 huma preskritti u b'hekk l-ebda azzjoni ulterjuri ma kellha tittieħed fil-konfront tiegħu; u (ii) fil-mertu, huwa dejjem iddikjara id-Director's Fees li rċieva mingħand is-soċjetà Macaw Limited. L-awditur ta' l-imsemmija soċjetà kien iniżżel Director's Fees ta' ħames diretturi meta effettivament is-soċjetà kellha erba' diretturi. Meta nġibdet l-attenzjoni ta' l-awditur għal dan il-fatt huwa semplicement biddel id-dikjarazzjoni tas-soċjetà in kwistjoni, ossia qasam id-Director's Fees għas-snin in kwistjoni bejn erbgħa flok ħamsa, mingħajr ma effettivament ivverifika jekk id-Director's Fees tħallsux kif dikjarat lid-diretturi individwalment.

Il-Kummissarrju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa jiġu ikkonfermati stante li: (i) ir-Rikorrent naqas milli jagħmel dikjarazzjoni kompluta u veritiera tad-dħul li fil-verità qala' billi naqas milli jiddikjara d-Director's Fees li rċieva għas-snin ta' stima in kwistjoni; (ii) hekk kif id-Director's Fees kif emendati mill-accountant tas-socjetà Makaw Limited ġew dikjarati bħala riċevuti minn Charles Camilleri, Direttur ieħor ta' l-imsemmija soċjetà, il-Kummissarju għandu għax jaħseb li dawn ġew riċevuti wkoll mir-Rikorrent u kienu dikjarabbli għal skop ta' taxxa fil-prospetti ta' taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 u l-fatt li dawn ma ġewx hekk dikjarati jammonta, *prima facie*, għal evażjoni ta' taxxa; (iii) kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent, il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 ma humiex preskritti in kwantu jaqgħu taħt id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 30(5) tal-

Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) b'hekk, l-ammonti likwidati ma humiex preskritti u huma bbażati fuq dikjarazzjonijiet fattwali.

L-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrent ġie trattat u miċħud b'sentenza preliminari pronunċjata fis-6 ta' April 2017[14] u għaldaqstant jifdal issa li jiġi trattat l-appell tar-Rkorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998, fil-mertu.

Kif jirriżulta mill-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009, il-bażi fuq liema nħarġu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 fil-konfront tar-Rikorrent hija li l-istess Rikorrent naqas milli jiddikjara d-dħul kollu li huwa rċieva bħala Director's Fees mingħand is-soċjetà Macaw Limited u dana skond l-ammonti dikjarati mill-istess soċjetà fil-prospetti tat-taxxa tagħha. Fir-rigward Carmel Gatt, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, iddikjara li *XXX, flimkien ma' Anthony Camilleri, John Camilleri u Charles Camilleri, kien direttur ta' din il-kumpanija* [Makaw Limited] *fis-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 … Fil-prospetti tat-taxxa tiegħu għas-snin in kwistjoni* - Dok. "CG1" sa' Dok. "CG3" a fol.180 sa' 207 tal-proċess - *XXX iddikjara dħul minn director's fees kif ġej: Sena ta' stima 1995 - Lm2,716 (€6,327); Sena ta' stima 1996 - Lm2,716 (€6,327); Sena ta' stima 1998 - Lm1,300 (€3,028). Ngħid li fit-3 ta' Lulju 2007, l-accountant tal-kumpannija Makaw Limited, is-Sur Victor Bezzina, bagħat ittra lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni* - Dok. "CG4" a fol. 208 tal-proċess - *li permezz tagħha ddikjara li: "With reference to the Income Tax returns of the above-mentioned company* [Makaw Limited] *submitted to the Inland Revenue Department for the years of assessment 1995/96/98, I would like to point out that the details regarding the shareholders and directors were erroneously stated as five shareholders and directors. The correct list should be that stated in the attached amended documents". Skond id-dokumenti inklużi ma' l-ittra* - fol. 209 sa' 216 tal-proċess - *id-director's fees imħallsa mill-kumpannija lil XXX kienu kif ġej: Sena ta' stima 1995 - Lm5,924 (€13,799); Sena ta' stima 1996 - Lm6,000 (€13,976); Sena ta' stima 1998 - Lm3,061 (€7,130). Abbażi tad-dikjarazzjoni ta' l-accountant ta' Makaw Limited fil-31 ta' Lulju 2008, u cioè sena wara li l-informazzjoni ntbagħtet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Kummissarju ħareġ likwidazzjonijiet addizzjonali fuq is-snin ta' stima in kwistjoni dwar id-director's fees mhux dikjarati minn XXX* - Dok. "CG5" a fol. 217 sa' 221 tal-proċess - *kif ġej: Sena ta' stima 1995 - Lm506 (€1,178); Sena ta' stima 1996 - Lm1,141 (€2,657); Sena ta' stima 1998 - Lm792 (€1,844). … XXX oġġezzjona għal-likwidazzjonijiet addizzjonali kif maħruġa mill-Kummissarju u flaqgħa li saret ma' l-uffiċjal inkarigat mill-oġġezzjoni, ir-rappreżentant ta' XXX, is-Sur Henry Micallef, iddikjara li il-klijent tiegħu ma kellux għalfejn jaġġusta d-dħul għas-snin ta' stima taħt appell għax dawn kienu preskritti. Ladarba ma kienx hemm qbil dwar l-ammont tad-director's fees li għandhom jiġu dikjarati, bejn Marzu u April 2009 il-Kummissarju ipproċeda bil-ħruġ ta' l-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni u l-Avviżi ta' Likwidazzjonijiet (Rifjut)* - Dok. "CG7" a fol. 223 sa' 228 tal-proċess. *Finalment ngħid li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ppro*ċ*eda sabiex jiġbor l-ammont ta' director's fees skond informazzjoni li pprovda l-accountant ta' Makaw Limited stess u mhux fuq assunzjoni li huwa għamel. Għalkemm dawn il-fees ġew imħallsa lil XXX, huwa naqas milli jiddikjarahom fil-formoli tat-taxxa tiegħu.*

Dak affermat minn Carmel Gatt ġie kkonfermat minn Marco Borg, ukoll rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, fl-affidavit tiegħu esebit a fol. 315 et seq. tal-proċess.

[14] Fol. 261 sa' 268 tal-proċess.

Victor Bezzina, fiż-żmien awditur tas-soċjetà Makaw Limited u l-persuna li bagħat l-ittra datata 3 ta' Lulju 2007 lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni li biha kkoreġa d-dikjarazzjonijiet ta' l-imsemmija soċjetà relattivi għad-Director's Fees għas-snin ta' stima 1995 sa' 1998, minn kif oriġinarjament dikjarati bejn ħames Diretturi għal bejn erba' Diretturi, xehed f'dawn il-proċeduri waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015[15]. Huwa iddikjara li fiż-żmien kien awditur tas-soċjetà Makaw Limited u li huwa ma kienx jieħu ħsieb id-Director's Fees li kienu jitħallsu lid-Diretturi imma kien jiċċekkja l-kotba tas-soċjetà u skond ma jsib jagħmel. Ikkonferma li l-ittra tat-3 ta' Lulju 2007 kien bagħtha hu u li skond il-kotba tas-soċjetà jew l-FS3s, ma setgħax jiftakar bl-eżatt minħabba t-trapass ta' żmien u peress li l-kotba tas-soċjetà ma kienux għadhom fil-pussess tiegħu, id-Diretturi kienu ħadu d-Director's Fees minnu indikati fil-prospetti tat-taxxa koreġuti tas-soċjetà imsemmija annessi ma' l-ittra tiegħu.

Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi tirriżulta sitwazzjoni fejn fil-prospetti tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998, ir-Rikorrent iddikjara Director's Fees perċepiti mingħand Makaw Limited fl-ammonti ta' Lm2,716 (€6,327), Lm2,716 (€6,327) u Lm1,300 (€3,028), rispettivament, **mentri** fil-prospetti tat-taxxa tagħha għall-istess snin ta' stima kif korretti fl-2007, is-soċjetà Makaw Limited iddikjarat li fl-imsemmija snin ta' stima kellha erba' u mhux ħames Diretturi u li r-Rikorrent ipperċepixxa s-segwenti ammonti bħala Director's Fees - Lm5,924 (€13,799) sena ta' stima 1995, Lm6,000 (€13,976) sena ta' stima 1996 u Lm3,061 (€7,130) sena ta' stima 1998.

Fid-dawl ta' tali ċirkostanzi, riżultanti kif ingħad minn prospetti ta' taxxa uffiċjalment sottomessi mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni mir-Rikorrent u mis-soċjetà Makaw Limited li tagħha kien Direttur fis-snin ta' stima in kwistjoni, ma hemmx dubju li r-Rikorrent kellu jipprova lill-Kummissarju tat-Taxxi inizjalment u għandu jipprova lit-Tribunal f'dawn il-proċeduri, li dak minnu dikjarat fil-prospetti ta' taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 huwa korrett u li per konsegwenza l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront għall-imsemmija snin ta' stima huma eċċessivi; prova din però li ma saritx, la fi stadju pre-proċedurali quddiem il-Kummissarju tat-Taxxi u lanqas fl-istadju ta' l-appell quddiem it-Tribunal.

Jibda biex jiġi osservat li r-Rikorrent ma huwiex affattu ċar dwar kemm kien hemm Diretturi fis-soċjetà Makaw Limited fis-snin ta' stima in kwistjoni. In effetti filwaqt li : (i) fir-Rikors promotur ippremetta li *l-appellant jissottometti li huwa dejjem iddikjara d-Director's Fees li rċieva mingħand is-soċjetà Macaw Limited. Fil-fatt jidher li l-awditur ta' din is-soċjetà kien qed iniżżel Director's Fees ta' ħames diretturi, **meta effettivament is-soċjetà kellha erba' diretturi***[16], (ii) fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012[17] ikkonferma li fis-snin ta' stima in kwistjoni s-soċjetà Makaw Limited kellha erba' Diretturi, ossia hu, Charles Camilleri, Tony Camilleri u John Camilleri, u (iii) fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu dwar il-mertu[18] ssottometta li *bejn is-snin 1994 u 1997 r-rikorrent kien Direttur tal-kumpanija Makaw Limited. Illi r-rikorrent kien irriżenja mill-kumpanija f'Ġunju 1997. Illi għall-finijiet ta' l-Income Tax meta r-rikorrent kien jirċievi r-return huwa kien jgħaddiha l-iskrivan tal-kumpanija li kien jimlihielu hu u jibghatha. Dan kien jagħmel hekk kull sena.* ***Illi minbarra r-***

[15] Fol. 238 sa' 240 tal-proċess.
[16] Enfasi tat-Tribunal. Fol. 7 tal-proċess.
[17] Fol. 82 sa' 84 tal-proċess.
[18] Fol. 454 sa' 457 tal-proċess.

***rikorrent dak iż-żmien kien hemm tlett (3) diretturi oħra***. *Illi ir-rikorrent dejjem sostna li l-komputazzjoni ta' taxxa li kien bagħat kienet veritiera u għalhekk ma kienx hemm l-ebda taxxa addizzjonali li kellu jħallas kif qed isostni l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni. … Ir-rikorrent kien xehed quddiem dan it-Tribunal fl-24 ta' Jannar 2012 u qal li matul is-snin mertu ta' dan ir-rikors ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-kumpanija Makaw Limited mil-liema kariga huwa irriżenja f'Ġunju tas-sena 1997. Ir-rikorrent xehed ukoll li meta kien jirċievi l-formula tat-taxxa hu kien jgħaddiha lill-iskrivan tal-kumpanija li kien jimliha u jibgħatha lura lid-Dipartiment.* ***In oltre r-rikorrent xehed ukoll li l-kumpanija Makaw Limited kellha erbgħa (4) Diretturi b'kollox. Dan il-punt huwa ta' import kruċjali stante li skond ittra datata 3 ta' Lulju 2007 mibgħuta minn Victor Bezzina (li dak iż-żmien kien awditur ta' Makaw Limited), lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ħareġ li bi żball in-numru ta' Diretturi li kien qiegħed jiddikjara kienu ħamsa (5) meta fil-fatt dawn kienu erbgħa***[19], fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2018[20], din id-darba prodott bħala xhud mill-Kummissarju tat-Taxxi, apparte li kien ferm evasiv fir-risposti tiegħu fejn konvenjentement ma ftakar xejn jew ma kien jaf b'xejn, in risposta għall-mistoqisja tat-Tribunal dwar kemm kien hemm Diretturi fis-soċjetà Makaw Limited fis-snin ta' stima in kwistjoni, ir-Rikorrent wieġeb ***xi ħamsa*** u dawn kienu **hu, Tony Camilleri, Charles Camilleri, Joe Camilleri u John Camilleri**. Rinfaċċjat bil-mistoqisja da parte tat-Tribunal *jiġifieri meta Bezzina informa lill-Kummissarju illi d-diretturi kienu Anthony Camilleri, John Camilleri, Charles Camilleri u inti biss, kien żbaljat? Lil Joe Camilleri ma semmiehx,* ir-Rikorrent wieġeb ***sa' fejn naf jien l-aħħar li rajt lil dak tal-kumpanija hemm kien hu***[21].

L-għażla tar-Rikorrent li jbiddel il-verżjoni tiegħu dwar kemm kien hemm Diretturi fis-soċjetà Makaw Limited fis-snin ta' stima in kwistjoni, skond kif l-iktar jaqbel lilu f'kull istadju partikolari tal-proċeduri, ma hijiex ta' benefiċċju għalih u bl-iktar mod ċar timpinġi serjament fuq il-kredibilità tiegħu. Jekk verament, skond kif xehed l-aħħar ir-Rikorrent, fis-snin ta' stima in kwistjoni s-soċjetà Makaw Limited kellha ħames diretturi u mhux erba', kif invece affermat minn Victor Bezzina u dikjarat mill-istess soċjetà fil-prospetti tat-taxxa relattivi tagħha, huwa seta' faċilment ressaq prova ta' dan tramite l-Malta Business Registry, prova però li għal raġunijiet li jaf hu biss ma saritx.

Apparte dan appena osservat, it-Tribunal josserva wkoll li l-kwistjoni tad-Director's Fees ma ġiet bl-ebda mod indirizzata mir-Rikorrent bi provi konkreti li b'xi mod setgħu jikkontradiċu u jxejnu d-deċiżjoni u konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa tal-Kummissarju tat-Taxxi. In effetti meta xehed l-ewwel darba waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012[22], ir-Rikorrent sempliċement illimita ruħu jgħid li huwa qatt ma rċieva xejn mingħand id-Dipartiment tat-Taxxi qabel l-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009, affermazzjoni din del resto già dikjarata mhux korretta fis-sentenza preliminari dwar l-aggravju tal-preskrizzjoni. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2018[23], ir-Rikorrent xehed limitatament dwar is-sena ta' stima 2004, li tifforma il-mertu tal-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 223/11 u mhux tal-proċeduri odjerni, u fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2018[24], kif ingħad prodott bħala xhud mill-Kummissarju tat-Taxxi, ir-Rikorrent kien

[19] Enfasi tat-Tribunal.
[20] Fol. 306 sa' 312 tal-proċess.
[21] Enfasi tat-Tribunal.
[22] Fol. 82 sa' 87 tal-proċess.
[23] Fol. 282 u 283 tal-proċess.
[24] Fol. 306 sa' 312 tal-proċess.

ferm evasiv fir-risposti tiegħu w addirittura allega li fis-snin ta' stima in kwistjoni id-Director's Fees dovuti lilu *kienu jibqgħu l-uffiċċju jekk kien hemm, li qatt ma rċevejt jien. … ma kienux jiġu depożitati,* mingħajr però ma ressaq ebda prova li tikkorobora dak minnu allegat, anzi skond il-prospetti tat-taxxa tiegħu stess għas-snin ta' stima in kwistjoni huwa ddikjara li kellu dħul bħala Director's Fees mis-soċjetà Makaw Limited!

Ix-xhud l-ieħor prodott mir-Rikorrent, ossia Henry Micallef[25], ma tefa' assolutament l-ebda dawl fuq il-mertu ta' dawn il-proċeduri.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li l-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009 kien żbaljat u li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 maħruġa fil-konfront tiegħu huma eċċessivi. B'hekk l-appell tiegħu mill-imsemmija Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni u konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ma huwiex ġustifikat u ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-Rikorrent mill-Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datat 20 ta' Marzu 2009 u mill-konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1998 maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u minflok jikkonferma l-imsemmija Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni u Likwidazzjonijiet ta' Taxxa.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[25] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012 a fol. 85 sa' 87 tal-proċess.